



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

12.9.2011

B7-0483/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja

Charles Tannock, Ryszard Antoni Legutko, Ryszard Czarnecki, Sajjad Karim, Tomasz Piotr Poręba
f'isem il-Grupp ECR

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja,
 - wara li kkunsidra d-diversi dikjarazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja li għamlet ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President, Catherine Ashton,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ċ-ċittadini tas-Sirja huma soġġetti għal arrest arbitrarju u priġunerija mingħajr proċess jew proċess minn qorti militari u m'għandhom l-ebda ġudikatura indipendenti li tiddefendihom, l-ebda libertà tal-espressjoni u l-ebda dritt li jipprotestaw iggarantit bil-liġi;
- B. billi, minn Marzu, seħħew protesti u dimostrazzjonijiet f'ħafna bliet fis-Sirja;
- C. billi hu stmat li nqatlu mill-inqas 2,200 persuna waqt il-protesti u hu maħsub li ħafna oħrajn weġġgħu jew inżammu bil-forza;
- D. billi hu rrapportat li, fis-Sirja kollha, il-bliet qed jiġu assejati mill-forzi mmexxija mill-gvern, mingħajr aċċess għall-ikel, provvisti mediċi jew komunikazzjonijiet;
- E. billi, minkejja li għamel ħafna dikjarazzjonijiet pubbliċi fejn impenja ruħu favur ir-riforma politika, il-President Bashar al-Asad naqas milli jieħu azzjoni biex jimplimenta aġenda speċifika li tkun tissalvagwardja l-libertajiet pubbliċi u l-indipendenza ġudizzjarja u milli jipprojbixxi lill-Gvern Sirjan milli jgħaffeġ fuq id-drittijiet tal-bniedem;
- F. billi l-Gvern Sirjan juża l-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali, qorti speċjali li tibqa' barra mis-sistema tal-ġustizzja kriminali ordinarja, biex jipproċessa lill-attivisti politiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
- G. billi l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf se jaħdem mal-awtoritajiet fis-Sirja biex tinbeda t-tranżizzjoni lejn elezzjonijiet ħielsa u t-trasferiment tal-poter mill-President Assad;
- H. billi, fit-22 u t-23 ta' Awwissu, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU laqqa' sessjoni biex jiddiskuti s-sitwazzjoni fis-Sirja;
- I. billi, fit-2 ta' Settembru, l-Istati Membri tal-UE qablu li jimponu projbizzjoni fuq l-importazzjoni taż-żejt Sirjan lejn l-UE, apparti r-restrizzjonijiet eżistenti applikati fuq is-Sirja;
1. Jinsisti b'mod qawwi li l-gvern tas-Sirja għandu jiggarrantixxi l-protezzjoni minn attakki għad-dimostranti u jsostni d-dritt tad-dimostranti li jieħdu sehem f'dimostrazzjonijiet paċifiċi biex jiggarrantixxu l-libertà tal-espressjoni;

2. Jistieden lill-gvern tas-Sirja itemm minnufih l-użu tal-forza kontra d-dimostranti paċifiċi;
3. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li, fost id-dimostranti, qed tiżdied il-preżenza ta' forzi Islamisti armati b'armi kuntrabandu li qed ixewxu għal għihad u jisparaw lejn il-forzi tas-sigurtà, u hemm il-periklu li tfaqqa' gwerra ċivili fuq bażi settarjana;
4. Jistieden lill-Gvern Sirjan jistabbilixxi investigazzjoni indipendenti u trasparenti tal-azzjonijiet tal-forzi tas-sigurtà u, b'mod partikulari, tal-attivitajiet ta' hu l-President, li hu l-kmandant tal-forzi speċjali u li kwalunkwe membru tas-servizzi tas-sigurtà li spara jew ordna l-isparar fuq dimostranti mhux armati b'munizzjoni ta' vera jinżamm responsabbli;
5. Jistieden lill-awtoritajiet fis-Sirja jagħtu rendikont pubbliku ta' kull persuna li nqatlet, indarbet jew ta' dawk li għadhom neqsin;
6. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-gvern tas-Sirja jieħu azzjoni fir-rigward tal-impenji publiċi tiegħu, u jimplementa r-riformi demokratiċi mingħajr dewmien;
7. Jistieden lill-gvern Sirjan ma jkomplix bl-arresti u d-detenzjoni arbitrari tal-attivisti politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti, kif ukoll jeħles lill-priġunieri kollha tal-kuxjenza;
8. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jwaqqfu ċ-ċensura governattiva ta' publikazzjonijiet lokali u barranin, itemmu l-kontroll ripressiv tal-gvern fuq il-gazzetti u publikazzjonijiet oħra, kif ukoll ineħħu r-restrizzjonijiet fuq l-internet;
9. Jistieden lill-gvern Sirjan jippermetti aċċess immedjat u inkondizzjonat għall-aġenziji tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħaddiema umanitarji;
10. Jilqa' r-riżoluzzjoni adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u jistieden lill-gvern Sirjan jikkopera bis-sħiħ mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem;
11. Jistieden lill-gvern tas-Sirja jabolixxi l-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali u joħloq kummissjoni ġudizzjarja indipendenti biex terġa' teżamina l-kawżi pendenti quddiem il-qorti;
12. Iħeġġeġ lill-President Assad jirrikonoxxi l-fatt li l-poplu Sirjan ċaħad ir-reġim tiegħu u jwarrab mill-pożizzjoni tiegħu, fl-aħjar interessi tas-Sirja u tal-unità tal-poplu tagħha;
13. Jitlob li jkun hemm dialogu miftuħ u paċifiku bejn il-gvern Sirjan u l-poplu tas-Sirja;
14. Jilqa' s-sanzjonijiet imposti fit-2 ta' Settembru mill-Istati Membri tal-UE;
15. Jilqa' l-fatt li t-Turkija u l-Arabja Sawdija kkundannaw ir-reġim Sirjan u r-rwol tat-Turkija fl-ilqugħ tar-rifuġjati; jiddispjaċih li l-Iran għadu qed jappoġġa l-pożizzjoni intransiġenti tal-President Al Assad u r-ripressjoni brutali li qed iwettaq fuq il-poplu tiegħu;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-gvern tas-Sirja.